



## Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, it-30 ta' Jannar 2020

### L-Awdituri tal-UE jeżaminaw il-prestazzjoni tal-Frontex

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) niedet awditu biex teżamina jekk l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) sa issa pprovdietx appoġġ effettiv lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-Ġestjoni Integrata Ewropea tal-Fruntieri.

Illum, l-awdituri ppubblikaw previżjoni ta' awditu dwar il-Frontex. Il-previżjonijiet ta' awditu jipprovdu informazzjoni dwar kompitu tal-awditjar li jkun għaddej. Huma maħsuba bħala sors ta' informazzjoni għal dawk interessati fil-politika jew fil-programmi li jkunu qed jiġu awditjati.

Il-Frontex (mill-Franċiż "frontières extérieures") ġiet stabbilita fl-2004 biex timmaniġġja l-kooperazzjoni operazzjonali fil-fruntieri esterni tal-UE. L-istabbiliment tagħha tqies bħala pass kruċjali lejn l-iżvilupp ta' ġestjoni integrata tal-fruntieri fl-UE u r-rwol, il-baġit u r-riżorsi tagħha żdiedu progressivament minn dak iż-żmien 'il hawn. Wara li l-migrazzjoni laħqet il-quċċata fl-2015, is-setgħat tal-aġenzija ssaħħu u hija saret effettivament il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta. Is-sussidju annwali tagħha mill-baġit tal-UE żdied konsiderevolment, minn EUR 137 miljun fl-2015 għal EUR 322 miljun fl-2020. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni Ewropea tat l-approvazzjoni tagħha biex l-aġenzija l-"għdida" tirrekluta 1 000 persuna sal-2020.

Ir-regoli l-ġodda, li daħlu fis-seħħ f'Diċembru 2019, huma mistennija li jkomplu jagħtu spinta f'dak li jirrigwarda s-setgħat tal-aġenzija. Huma jipproponu wkoll li l-baġit tagħha għall-perjodu 2021-2027 jiżdied għal EUR 11-il biljun – prinċipalment biex jiġi stabbilit il-korp permanenti ta' 10 000 gwardja tal-fruntieri mill-Istati Membri u biex jinxtara tagħmir għdid – kif ukoll jiżdied l-għadd tal-persunal proprju tagħha għal 3 000 matul is-snin li ġejjin.

"Il-Frontex għandha rwol ewlieni fil-kisba tal-ġestjoni integrata tal-fruntieri esterni tal-UE u hija saret attur importanti fil-ġestjoni tal-migrazzjoni fil-livell Ewropew," **qal Leo Brincat, il-Membru tal-QEA responsabbli għall-awditu.** "L-awditu tagħna se jaċċerta jekk il-Frontex hijiex qed twettaq il-kompiti tagħha b'mod effettiv."

L-awdituri se jeżaminaw jekk l-attivitajiet primarji tal-Frontex jappoġġawx b'mod effettiv il-ġestjoni integrata tal-fruntieri tal-UE, partikolarment jekk:

*L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tal-previżjoni ta' awditu maħruġa mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Il-previżjoni sħiħa tinsab bl-Ingliż fuq [eca.europa.eu](http://eca.europa.eu).*

## ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu) @EUAuditors [eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)

- il-monitoraġġ tagħha tas-sitwazzjoni fil-fruntieri esterni tal-UE jippermettix li jkun hemm rispons rapidu u mmirat tajjeb f'każijiet ta' inċidenti fil-fruntieri;
- l-analiżijiet tar-riskju u l-valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà tagħha f'dak li jirrigwarda l-kapaċitajiet tal-Istati Membri biex jimmaniġġjaw il-fruntieri tagħhom humiex għodod utli għall-protezzjoni tal-fruntieri tal-UE;
- ir-rispons operazzjonali tagħha jikkontribwix għall-iżvilupp ta' ġestjoni integrata tal-fruntieri tal-UE.

Ir-rapport tal-awditjar huwa mistenni li jiġi ppubblikat fl-2021.

### Noti lill-edituri

L-UE għandha aktar minn 42 000 km ta' kosta, kważi 9 000 km ta' fruntieri fuq l-art u madwar 300 ajruport internazzjonali.

Minn meta l-Konvenzjoni ta' Schengen daħlet fis-seħħ fl-1995, l-UE kellha l-għan li toħloq żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. L-għan kien li jitneħħew il-kontrolli fil-fruntieri interni, filwaqt li fl-istess ħin jiġu indirizzati t-treddid u l-isfidi transfruntiera serji, bħall-kriminalità u l-migrazzjoni, permezz ta' strateġija ta' ġestjoni integrata fil-fruntieri esterni.

Il-Frontex twettaq erba' attivitajiet primarji li huma mistennija li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni ta' ġestjoni integrata fil-fruntieri: monitoraġġ tas-sitwazzjoni, li permezz tiegħu hija tipprowa tagħti stampa aġġornata dwar il-fruntieri esterni tal-UE u s-sitwazzjoni tal-migrazzjoni; analiżi tar-riskju u valutazzjoni tal-kapaċità tal-Istati Membri biex jimmaniġġjaw il-fruntieri tagħhom; rispons operazzjonali, biex titrażżan l-immigrazzjoni illegali, tiġi miġġielda l-kriminalità transfruntiera u tissaħħaħ il-kooperazzjoni tal-gwardja tal-kosta; appoġġ għar-ritorn għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi.

Reċentement, il-QEA ħarġet rapporti speċjali dwar is-sistemi ta' kontroll fil-[fruntieri fiż-żona Schengen](#) u l-[ġestjoni tal-migrazzjoni](#) fil-Greċja u fl-Italja, u fil-futur qrib se tawditja l-appoġġ għar-ritorn.

*Kuntatt għall-istampa għal din il-previżjoni ta' awditu*

*Damijan Fišer – E: [damijan.fiser@eca.europa.eu](mailto:damijan.fiser@eca.europa.eu) T: (+352) 4398 45510 / M: (+352) 621 552 224*